

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2014 – Groupe Léa Nature vs UASI – Debonair Trading Internacional (SO'BiO ċtic)

(Kawża T-341/13) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva SO’BiO ċtic — Trade mark Komunitarja u trade mark nazzjonali verbali preċedenti SO...? — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta’ użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2014/C 388/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Groupe Léa Nature (Périgny, Franza) (rappreżentant: S. Arnaud, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Geroulakos u V. Melgar, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Debonair Trading Internacional Lda (Funchal, il-Portugall) (rappreżentant: T. Alkin, barrister)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Marzu 2013 (Każ R 203/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Debonair Trading Internacional L^{da} u Groupe Léa Nature SA.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-26 ta' Marzu 2013 (Każ R 203/2011-1) hija annullata.
- 2) L-UASI u Debonair Trading Internacional Lda huma kkundannati kull wieħed ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll l-ispejjeż ta' Groupe Léa Nature SA.

⁽¹⁾ ĠU C 260, 07.09.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2014 – Kadhaf Al Dam vs Il-Kunsill

(Kawża T-348/13) ⁽¹⁾

(Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja — Iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Modulazzjoni tal-effetti ratione temporis ta’ annullament — Responsabbiltà mhux kuntrattwali)

(2014/C 388/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Ahmed Mohammed Kadhaf Al Dam (il-Kajr, l-Eġittu) (rappreżentant: H. de Charette, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Vitro u V. Piessevaux, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK, tat-28 ta' Frar 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 58, p. 53), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011, tat-2 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 58, p. 1), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/182/PESK, tat-22 ta' April 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2011/137 (ĠU L 111, p. 50), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 689/2014, tat-23 ta' Ġunju 2014, li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 (ĠU L 183, p. 1), u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/380/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2011/137 (ĠU L 183, p. 52), inkwantu dawn l-attivitajiet jirrigwardaw lir-rikorrent, u, min-naħa l-oħra, talba għall-kumpens għad-dannu kkawżat minn dawn l-atti.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill 2013/182/PESK, tat-22 ta' April 2013, u tal-Kunsill 2014/380/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, huma annullati inkwantu jżommu isem Ahmed Mohammed Kadhaf Al Dam fil-listi li jinsabu fl-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK, tat-28 ta' Frar 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.*
- 2) *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 689/2014, tat-23 ta' Ġunju 2014, li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011, huwa annullat inkwantu jżomm isem Kadhaf Al Dam fil-lista li tinsab fl-Annessi III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011, tat-2 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.*
- 3) *L-effetti tad-Deċiżjoni 2013/182, tad-Deċiżjoni 2014/380 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 689/2014 għandhom jinżammu fir-rigward ta' Kadhaf Al Dam sal-iskadenza tat-terminu ta' appell minn din is-sentenza jew, jekk jiġi ppreżentat appell f'dan it-terminu, sad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.*
- 4) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 5) *Kadhaf Al Dam huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-ispejjeż tiegħu marbuta mat-talba tiegħu għal kumpens.*
- 6) *Il-Kunsill huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti minn Kadhaf Al Dam u l-ispejjeż tiegħu marbuta mat-talba għall-annullament.*

⁽¹⁾ ĠU C 298, 12.10.2013.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2014 – Novartis Europharm vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-511/14)

(2014/C 388/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Novartis Europharm Ltd (Horsham, ir-Renju Unit) (rappreżentant: C. Schoonderbeek, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata; u

— tordna lill-Kummissjoni Ewropea tbat l-ispejjeż tagħha u dawk ta' Novartis.